KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.11.2006
KUMM(2006) 715 finali

2006/0233 (ACC)
2006/0234 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim b'forma ta' Bdil ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-KE wara negozjati fil-qafas ta' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tariffarja u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fil-kuntest tat-tkabbir ta' l-unjoni doganali d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT jobbligaw lill-KE li tidħol f'negozjati ma' pajjiżi terzi li għandhom id-drittijiet li jinnegozjaw f'kull wieħed mill-Membri li qed jiddaħħlu sabiex jiftiehmu dwar aġġustament kompensatorju f'każ li l-adozzjoni tar-reġim tat-tariffi esterni tal-KE tirriżulta f'żieda fit-tariffa li taqbeż il-livell li għalih il-pajjiż li qed jiddaħħal rabat lilu nnifsu fid-WTO, filwaqt li "jikkunsidra b'mod xieraq it-tnaqqis tad-dazji fuq l-istess linja ta' tariffa magħmula minn kostitwenti oħra ta' l-unjoni doganali waqt it-twaqqif tagħha".

2. Fit-22 ta' Marzu 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994 (il-proposta COM 6792/04 WTO 34).

3. In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tat-Trattat u fi ħdan il-qafas ta' direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.

4. Il-Kummissjoni nnegozjat mal-Membri tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar relatati ma' l-irtirar ta' konċessjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' l-irtirar ta' l-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, matul l-adeżjoni fil-Komunità Ewropea.

5. In-negozjati rriżultaw fi Ftehim b'forma ta' bdil ta' ittri mal-Brażil.

6. Din il-proposta titlob lill-Kunsill biex japprova dan il-Ftehim.

2006/0233 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim b'forma ta' Bdil ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Marzu 2004 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' ċerti Membri oħra tad-WTO taħt l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT ta' l-1994, matul l-adeżjoni fil-Komunità Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka.

(2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tat-Trattat u fi ħdan il-qafas ta' direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.

(3) Il-Kummissjoni ffinalizzat in-negozjati dwar Ftehim b'forma ta' Bdil ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil. Il-Ftehim għandu jkun approvat.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim b'forma ta' Bdil ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil rigward it-tneħħija ta' konċessjonijiet speċifiċi relatati mat-tneħħija ta' l-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni fil-Komunità Ewropea; huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna(i) li jkollha(hom) s-setgħa li tiffirma (jiffirmaw) il-Ftehim b'forma ta' Skambju ta' Ittri msemmi fl-Artikolu 1 sabiex torbot lill-Komunità.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

FTEHIM

B'forma ta' bdil ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil

rigward l-emenda tal-konċessjonijiet fl-Iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u ir-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni fil-Komunità Ewropea.

Ittra mill-Komunitajiet Ewropej

Brussell,

Sinjur,

Wara l-bidu ta' negozjati bejn il-Komunitajiet Ewropej (KE) u l-Brażil bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifikazzjoni tal-konċessjonijiet fl-Iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom fl-KE, dan li ġej kien miftiehem bejn il-KE u l-Brażil bl-iskop li jkunu konklużi n-negozjati miftuħa wara n-notifika tal-KE tad-19 ta' Jannar 2004 lid-WTO skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.

Il-KE taqbel li tinkorpora fl-Iskeda tagħha għat-territorju doganali tal-KE 25, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda preċedenti tal-KE 15.

Il-KE taqbel li ddaħħal il-konċessjonijiet li jinstabu fl-Anness ta' dan il-Ftehim fil-Kalendarju għall-KE 25.

Dan il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-KE u l-Brażil ikunu wettqu skambju ta' ittri ta' ftehim, wara l-kunsiderazzjoni tal-partijiet skond il-proċeduri tagħhom stess. Il-KE għandha tagħmel mill-aħjar li tista' biex tistabbilixxi l-miżuri adatti ta' implimentazzjoni qabel l-1 ta' Novembru 2006 u mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2007.

F'isem il-Komunità Ewropea

FTEHIM

B'forma ta' bdil ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil

relatati mal-modifika tal-konċessjonijiet fl-Iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta l-Ungerija, ir-Repubblika ta Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul il-proċess ta' adeżjoni fil-Komunitajiet Ewropej.

Ittra mill-Brażil

[post],

Sinjur,

Qed issir referenza għall-ittra tiegħek li tgħid:

Wara l-bidu ta' negozjati bejn il-Komunitajiet Ewropej (KE) u l-Brażil bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifikazzjoni tal-konċessjonijiet fl-Iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom fl-KE, dan li ġej kien miftiehem bejn il-KE u l-Brażil bl-iskop li jkunu konklużi n-negozjati miftuħa wara n-notifika tal-KE tad-19 ta' Jannar 2004 lid-WTO skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.

Il-KE taqbel li tinkorpora fl-Iskeda tagħha għat-territorju doganali tal-KE 25, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda preċedenti tal-KE 15.

Il-KE taqbel li tinkorpora fl-iskeda tagħha għall-KE 25 il-konċessjonijiet li jinsabu fl-Anness ta' dan il-ftehim.

Dan il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-KE u l-Brażil ikunu wettqu skambju ta' ittri ta' ftehim, wara l-kunsiderazzjoni tal-partijiet skond il-proċeduri tagħhom stess. Il-KE għandha tagħmel mill-aħjar li tista' biex tistabbilixxi l-miżuri adatti ta' implimentazzjoni qabel l-1 ta' Novembru 2006 u mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2007.

Għandi hawnhekk l-unur li nesprimi l-qbil tal-gvern tiegħi.

F'isem il-Brażil

Anness

- pajjiż alloka (il-Brażil) kwota ta’ rata ta’ tarriffa 10124 tunnellata ta’ zokkor mhux raffinat biex ikun irraffinat (numru tat-tariffa tal-prodott 1701 1110), b’rata ta’ kwota ta’ 98€/t.

- pajjiż alloka (il-Brażil) kwota ta’ rata ta’ tarriffa 2332 tunnellata ‘qatgħat ta’ għasafar ta’ l-ispeċi Gallus domesticus’ (numru tat-tariffa tal-prodott 0207 1410, 0207 1450, 0207 1470), b’rata ta’ kwota ta’ 0%,

- żid 49 tunnellata (erga omnes) kwota ta’ rata ta’ tarriffa tal-KE għal ‘karkassi tat-tiġieġ, friski, mkessħa jew friżati', (numru tat-tariffa tal-prodott 0207 1110, 0207 1130, 0207 1190, 0207 1210, 0207 1290), b’rata ta’ kwota ta’ 131-162 €/t,

- żid 4070 tunnellata (erga omnes) kwota ta’ rata ta’ tarriffa tal-KE għal ‘karkassi tat-tiġieġ, friski, mkessħa jew friżati', (numru tat-tariffa tal-prodott 0207 1310, 0207 1320, 0207 1330, 0207 1340, 0207 1350, 0207 1360, 0207 1370, 0207 1420, 0207 1430, 0207 1440, 0207 1460), b’rata ta’ kwota ta’ 93-512 €/t,

- żid 1605 tunnellata (erga omnes) kwota ta’ rata ta’ tarriffa tal-KE għal ‘qatgħat ta’ għasafar’ (numru tat-tariffa tal-prodott 0207 14 10), b’rata ta’ kwota ta’ 795€/t,

- żid 201 tunnellata (erga omnes) kwota ta’ rata ta’ tarriffa tal-KE għal ‘laħam tad-dundjan, frisk, mkessaħ jew friżat', (numru tat-tariffa tal-prodott 0207 2410, 0207 2490, 0207 2510, 0207 2590, 0207 2610, 0207 2620, 0207 2630, 0207 2640, 0207 2650, 0207 2660, 0207 2670, 0207 2680, 0207 2730, 0207 2740, 0207 2750, 0207 2760, 0207 2770), b’rata ta’ kwota ta’ 93-425 €/t,

- żid 2485 tunnellata (erga omnes) kwota ta’ rata ta’ tarriffa tal-KE għal ‘qatgħat ta’ dundjan, friżati’ (numru tat-tariffa tal-prodott 0207 2710, 0207 2720, 0207 2780), b’rata ta’ kwota ta’ 0%,

- iftaħ kwota ta’ rata ta’ tarriffa ta’ 242 074 tunnellata (erga omnes) għall-qamħirrum (numri tat-tariffa tal-prodott 1005 9000, 1005 1090), bir-rata ta’ kwota ta’ 0%,

- iftaħ kwota ta’ rata ta’ tarriffa ta’ 2838 tunnellata (erga omnes) għal ananas, ċitru, lanġas, berquq, ċirasa, ħawħ u frawli (numri tat-tariffa tal-prodott 2008 2011, 2008 2019, 2008 2031, 2008 2039, 2008 2071, 2008 3011, 2008 3019, 2008 3031, 2008 3039, 2008 3079, 2008 4011, 2008 4019, 2008 4021, 2008 4029, 2008 4031, 2008 4039, 2008 5011, 2008 5019, 2008 5031, 2008 5039, 2008 5051, 2008 5059, 2008 5071, 2008 6011, 2008 6019, 2008 6031, 2008 6039, 2008 6060, 2008 7011, 2008 7019, 2008 7031, 2008 7039, 2008 7051, 2008 7059, 2008 8011, 2008 8019, 2008 8031, 2008 8039, 2008 8070), bir-rata ta’ kwota ta’ 20%,

- iftaħ kwota ta’ rata ta’ tarriffa ta’ 7044 tunnellata (erga omnes) għal meraq tal-frott (numri tat-tariffa tal-prodott 2009 1111, 2009 1119, 2009 1911, 2009 1919, 2009 2911, 2009 2919, 2009 3911, 2009 3919, 2009 4911, 2009 4919, 2009 7911, 2009 7919, 2009 8011, 2009 8019, 2009 8032, 2009 8033, 2009 8035, 2009 8036, 2009 8038, 2009 9011, 2009 9019, 2009 9021, 2009 9029), at in quota rate of 20%,

Elimina d-dazju ad valorem ta’ 9% fuq konċentrati tal-proteini (numru tat-tariffa tal-prodott 2106 1080),

- iftaħ kwota ta’ rata ta’ tarriffa ta’ 107 tunnellati (erga omnes) għaċ-ċikkulata (numru tat-tariffa tal-prodott 1806), bir-rata ta’ kwota ta’ 43%,

- naqqas id-dazji lejn l-UE minn 11.2 MIN 22.0€/100 kg/net MAX 56.0€/100 kg/net għal 10 MIN 22.0€/100 kg/net MAX 56.0€/100 kg/net għat-tabakk (numru tat-tariffa tal-prodott 2401 1090),
- irranġa d-deskrizzjoni tal-kwota ta’ rata ta’ tarriffa tal-KE għaċ-ċanga ta’ kwalità għolja (5000 tunnellata) għal: ‘laħam ta’ kwalità għolja bla għadam ta’ l-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew friżat’, u jiġi indikat il-Brażil bħala l-pajjiż fornitur.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA					
					DATA: 11-07-2006
1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT: Kapitolu 10 – Dazji agrikoli				L-APPROPRJAZZJONIJIET: 4.960 M €
2.	TITOLU: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill wara l-konklużjoni ta' Ftehim b'forma ta' bdil ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil relatati ma' l-aġġustament kompensatorju kif ipprovdut bl-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.				
3.	BAŻI ĠURIDIKA: L-Artikolu 133 tat-Trattat				
4.	GĦANIJIET: Li jkun osservat l-Artikolu X tal-GATT 1994 relatat mat-tkabbir ta' l-Unjoni Doganali mill-1 ta' Mejju 2004.				
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA ATTWALI [n] (miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA LI ĠEJJA [n+1] (miljuni ta' EUR)	
5.0	NEFQA - IĊĊARĠJAT LILL-BAĠIT TAL-KE(ĦLAS LURA/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN				
5.1	DĦUL - RIŻORSI PROPRJI TAL-KE(IMPOSTI/DAZJI DOGANALI) - NAZZJONALI		- 4.960 M€ (1)		
		[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5]
5.0.1 5.1.1	NEFQA STMATA DĦUL STMAT				
5.2	METODU TA' KALKOLU:				
6.0	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MINN APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?				M/D
6.1	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MINN TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?				M/D
6.2	SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?				LE
6.3	L-APPROPRJAZZJONIJIET SE JKOLLHOM JIDDAĦĦLU F'BAĠITS FUTURI?				LE
OSSERVAZZJONIJIET:					

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

(1) Qed issir referenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill XXXX, dwar il-konklużjoni ta' Ftehim mal-Brażil wara negozjati skond il-qafas ta' l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.

(2) Din il-proposta għal Regolament tal-Kunsill timplimenta l-Ftehim li daħlet għalih il-Komunità.

2006/0234 (ACC)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-KE wara negozjati fil-qafas ta' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tariffarja u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87[2] stabbilixxa nomenklatura għall-merkanzija, minn hawn 'il quddiem "In-Nomenklatura Magħquda", u stipula r-rati konvenzjonali tad-dazju tat-Tariffa Komuni tad-Dwana.

(2) Bid-Deċiżjoni tiegħu XX/XXX/KE dwar il-konklużjoni ta' Ftehimiet b'forma ta' Bdil ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil, il-Kunsill approva, f'isem il-Komunità, il-Ftehim imsemmi hawn fuq bl-iskop li jkunu magħluqin in-negozjati li bdew skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 l-Anness I għandu jiġi emendat bid-dazji u ssupplimentat bil-volumi stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness 7 tat-Taqsima III tal-Parti Tlieta (kwoti tat-tariffi tad-WTO li jridu jinbdew mill-awtoritajiet Komunitarji Kompetenti) għandu jiġi emendat kif ġej:

---

[1] ĠU C […], […], p. […].

[2] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru […]/2006 (ĠU L […], […], p. […]

a) irranġa d-definizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja tal-KE ta' 5000 tunnellata 'laħam "ta' kwalità għolja" bla għadam: "Qatgħat taċ-ċanga miksuba mill-għoġla (novilhos) jew eriegħ (novilhas) ta' età ta' bejn l-20 u l-24 xahar, li kienu esklussivament jirgħu fil-mergħat, tilfu l-inċiżur ċentrali temporanji imma m'għandhomx aktar minn erba' sinniet inċiżuri permanenti, li huma ta' maturità tajba u li jilħu dawn il-kundizzjonijiet ta' klassifikazzjoni għal karkassi taċ-ċanga: Laħam mill-klassijiet tal-karkassi B jew R b'konformità mdawra sa dritta u klassi ta' xaħam 2 jew 3; qatgħat li jkollhom l-ittri "sc" (qatgħat speċjali) jew tabella "sc" bħala sinjali tal-kwalità għolja jkunu ġo kaxex tal-kartun bil-kliem "ċanga ta' kwalità għolja" għal "ċanga ta' kwalità għolja bla għadam ta' annimali bovini, friska, mkessħa jew friżata'.

b) Daħħal taħt "termini u kundizzjonijiet oħra" it-test: "Pajjiż fornitur il-Brażil"

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Minkejja r-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kitba li tiddeskrivi l-prodotti għandha tkun ikkunsidrata li ma għandhiex aktar minn valur indikattiv, filwaqt li l-konċessjonijiet qed ikunu determinati, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, bil-koperta tal-kodiċijiet tan-NM kif dawn jeżistu waqt l-adozzjoni ta' dan ir-regolament. Fejn jiġu indikati ex-kodiċijiet tan-NM, il-konċessjonijiet għandhom ikunu ddeterminati mill-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

Parti TnejnSkeda ta' dazji doganali.		
Kodiċi NM	**Deskrizzjoni**	**Rata ta' dazju**
2106 1080	Konċentrati tal-proteina	Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1)
2401 1090	Tabakk	Naqqas id-dazju lejn il-KE minn 11.2 MIN 22.0 € / 100 kg / net MAX 56.0 € / 100 kg / net għal 10 MIN 22.0 € / 100 kg / net MAX 56.0 € / kg / net

Parti TlietaAnnessi tat-Tariffa		
Kodiċi NM	**Deskrizzjoni**	**Rata ta' dazju**
1701 1110	Zokkor mhux raffinat biex ikun irraffinat	Pajjiż allokat (il-Brażil) kwota ta' rata tat-tariffa ta' 10124 tunnellata bir-rata ta' kwota ta' 98 € / tunnellata
0207 1410 0207 1450 0207 1470	Qatgħat iffriżati ta' għasafar ta' l-ispeċi Gallus domesticus	Pajjiż allokat (il-Brażil) kwota ta' rata tat-tariffa ta' 2332 tunnellata bir-rata ta' kwota ta' 0%
0207 1110 0207 1130	Karkassi tat-tiġieġ, friski, mkessħa jew friżati	Implimentat permezz tar-

0207 1190 0207 1210 0207 1290		Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1)
0207 1310 0207 1320 0207 1330 0207 1340 0207 1350 0207 1360 0207 1370 0207 1420 0207 1430 0207 1440 0207 1460	Qatgħat tat-tiġieġ, friski, mkessħa jew friżati	Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1)
0207 1410	Qatgħat tat-tjur	Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1)
0207 2410 0207 2490 0207 2510 0207 2590 0207 2610 0207 2620 0207 2630 0207 2640 0207 2650 0207 2660 0207 2670 0207 2680 0207 2730 0207 2740 0207 2750 0207 2760 0207 2770	Laħam tad-dundjan, frisk, imkessaħ jew friżat	Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1)
0207 2710 0207 2720 0207 2780	Qatgħat tad-dundjan, iffriżat	Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1)
1005 9000 1005 1090	Qamħirrum;	Implimentat permezz tar-Regolament tal-

		Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1)
2008 2011 2008 2019 2008 2031 2008 2039 2008 2071 2008 3011 2008 3019 2008 3031 2008 3039 2008 3079 2008 4011 2008 4019 2008 4021 2008 4029 2008 4031 2008 4039 2008 5011 2008 5019 2008 5031 2008 5039 2008 5051 2008 5059 2008 5071 2008 6011 2008 6019 2008 6031 2008 6039 2008 6060 2008 7011 2008 7019 2008 7031 2008 7039 2008 7051 2008 7059 2008 8011 2008 8019 2008 8031 2008 8039 2008 8070	Ananas, ċitru, lanġas, berquq, ċirasa, ħawħ u frawli ppriżervati	Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1)
2009 1111 2009 1119 2009 1911 2009 1919 2009 2911 2009 2919	Meraq tal-frott	Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1)

2009 3911 2009 3919 2009 4911 2009 4919 2009 7911 2009 7919 2009 8011 2009 8019 2009 8034 2009 8035 2009 8036 2009 8038 2009 9011 2009 9019 2009 9021 2009 9029		
1806	Ċikkulata	Implimentat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p.1)

Id-deskrizzjonijiet tat-tariffi eżatti tal-KE-15 għandhom japplikaw għal-linji tariffarji u l-kwoti kollha ta' hawn fuq.